MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2017

Rikors Maħluf Numru 1033/16LM

**Joseph Ciantar (K.I. 672240M)**

***vs.***

**Mabrouk Limited (C2736)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-10 ta' Novembru, 2016 mill-attur **Joseph Ciantar** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), li jgħid kif ġej:

**A. <u>Dikjarazzjoni tal-Fatti:</u>**

*1. Illi l-esponenti kien parti bħala konvenut flimkien ma' ibnu Alex Ciantar f'kawża fl-ismijiet Wilhelmina Abela bħala direttriċi u in rappreżentanza ta' Mabrouk Limited (C-2736) vs. Alex Ciantar u Joseph Ciantar, Ċitazzjoni numru 1307/84 mibdija fil-21 ta' Settembru, 1984.*

*2. Illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fis-27 ta' Jannar, 2012*[1] *din iddeċidiet billi filwaqt illi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u l-eċċezzjonijiet kollha tal-konveut Joseph Ciantar u laqgħet it-talba attriċi però biss fil-konfront tal-konvenut Joseph Ciantar fis-somma ta' sebgħa u tletin elf u tlett mija u tmenin Euro (€37,380) bl-imgħaxijiet kollha mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u fit-tielet lok illiberat lill-konvenut Alex Ciantar mill-osservanza tal-ġudizzju u fir-raba' lok dwar il-kontro-talba tal-konvenuti laqgħet l-istess kontro-talba u tikkundanna lis-soċjetà attriċi tħallas lill-konvenut Joseph Ciantar is-somma ta' erbat elef u mitejn u erbgħa u sebgħin Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€4,274.52) u lill-konvenut Alex Ciantar is-somma ta' tlett elef, tlett mija u tlieta u tletin Euro u ħdax-il ċenteżmu (€3,333.11) bl-imgħaxijiet kollha mid-data tal-preżentata tal-kontro-talba.*

*3. Illi l-esponenti jissollevaw il-fatt li din il-kawża damet għal diversi snin pendenti biex tingħata s-sentenza stante l-indisposizzjoni tal-Qorti kif kienet ippreseduta u għalhekk anke dan għandu jinċidi fuq it-talba odjerna u jittieħed in konsiderazzjoni.*

*4. Illi l-esponenti ippreżenta rikors tal-appell kontra l-imsemmija li b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' April, 2016*[2] *fl-istess proċeduri ġie deċiż mill-imsemmija Onorabbli Qorti li wara li rat l-atti tal-kawża ddeċiediet li "tilqa' l-appell in parte u tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi tikkonfermaha ħlief li tordna li l-kumpens li l-imsemmi konvenut għandu jħallas lis-soċjetà attriċi minħabba misappropriazzjoni u l-aġir illegali tiegħu għandu jkun ta' €26,000 (flok €37,280) li jitħallsu kif stabbiliet l-Ewwel Qorti bl-ispejjeż in prim istanza jitħallsu kif stabbiliet l-Ewwel Qorti waqt li dawk tat-tieni istanza jibqgħu ukoll bla taxxa bejn il-partijiet."*

*5. Illi l-partijiet ma jistgħux jaqblu dwar l-ammonti u senjatament l-imgħax li għandu jħallas l-esponenti lis-soċjetà intimata.*

*6. Illi kontra l-imsemmija soċjetà intimata permezz tal-imsemmija sentenzi l-esponenti huwa kreditur fl-ammont komplessiv ta' ħmistax-il elf, mitejn u tmintax - il Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€15,218.52) rappreżentanti erbat elef, mitejn u erbgħa u sebgħin Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€4,274.52) u għaxart elef u disa' mija u erbgħa u erbgħin Euro (€10,944.00) u l-konvenut l-ieħor Alex Ciantar lilu likwidat l-ammont komplessiv ta' ħdax-il elf, tmien mija u disgħa u ħamsin Euro u*

[1] Dok. AS1, *a fol.* 13 sa 18.
[2] Dok. AS2, *a fol.* 6 sa 12

*ħdax-il ċenteżmu (€11,859.11) rappreżentanti tlett elef, tlett mija u wieħed u tletin Euro u ħdax-il ċenteżmu (€3,331.11) u l-imgħax fuq l-imsemmija ta' tmint elef, ħames mija u tmienja u għoxrin Euro (€8,528) liema ammont l-esponenti ġie surrogat ai termini tal-liġi permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Mark Zaffarese datat 25 ta' Ottubru, 2016.*

*7. Illi kwantu għas-sorte u l-imgħax is-soċjetà intimata ippreżentat mandat ta' sekwestru numru 1305/2016 preżentat fl-14 ta' Settembru, 2016 kontra l-esponenti fejn qegħdha tippretendi li jħallas is-somma ta' wieħed u għoxrin elf, seba' mija u ħamsa u għoxrin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€21,725.48) sorte u l-imgħaxijiet legali ta' ħamsa u ħamsin elf, ħames mija u ħamsa u ħamsin Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€55,555.33)*[3] *u sussegwentement permezz ta' ittra uffiċjali datata 12 ta' Ottubru, 2016*[4] *reġa' ġie interpellat għall-istess ħlas.*

*8. Illi tenut kont tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell l-partijiet ma humiex jaqblu dwar l-ewwel jekk l-imgħax għandux jiddekorri fuq l-ammont ta' sitta u għoxrin elf Euro (€26,000), it-tieni jekk kemm-il-darba għandu jiddekorri l-imgħax jekk kemm -il darba għandux jaqbeż il-kapital u t-tielet li jekk l-imgħax għandu jiddekorri u jaqbeż il-kapital kemm huwa l-ammont attwalment dovut.*

*9. Illi l-imsemmija sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' April, 2016 hemm espressament li hija qegħdha tvarja s-sentenza mogħtija in prim istanza billi "tikkonfermaha ħlief li tordna li l-kumpens li l-imsemmi konvenut għandu jħallas lis-soċjetà attriċi minħabba misapproprjazzjoni u l-aġir illegali tiegħu għandu jkun ta' €26,000 (flok €37,280)" u dan skont l-esponenti għandu jfisser li ma għandux jiddekorri imgħax fuq din is-sorte billi l-imsemmija Onorabbli Qorti dan ma qalitux filwaqt li għall-partijiet l-oħra hija espressament ikkonfermathom.*

*10. Illi l-eponenti għandu quddiemu din d-diffikultà sabiex jistabbilixxi kemm huwa l-ammont attwalment dovut lis-soċjetà intimata u ċjoè l-ammont ta' sitta u għoxrin elf Euro (€26,000) inkella is-somma ta' tnejn u ħamsin elf Euro (€52,000) u ċjoè bid-dekorrenza tal-imgħax li però ma għandux jaqbeż id-doppju tal-kapital u jekk kemm-il-darba għandux dejjem jekk jiġi aċċettat li għandu jiddekorri imgħax doppju li jħallas is-somma ta' ħamest elef* (sic), *sitt mija u għoxrin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€54,620.54) rappreżentanti l-bilanċ bejn is-somma pretiża mill-intimati*

[3] Dok. AS3 *a fol.* 19 u 20.
[4] Dok. AS4 *a fol.* 21 u 22.

*fl-ammont ta' wieħed u tmenin elf, sitt mija u tmienja u disgħin Euro u tmintax il-ċenteżmu (€81,698.18) li jinkludi sitta u għoxrin elf Euro f'sorte (€26,000) u ħamsa u ħamsin elf, sitt mija u tmienja u disgħin Euro u tmintax il-ċenteżmu (€55,698.18) imnaqqsa minn dik dovuta mill-esponenti u ċjoè is-somma komplessiva ta' sebgħa u għoxrin elf u sebgħa u sebgħin Euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€27,077.64) rappreżentanti ħmistax-il elf, mitejn u tmintax-il Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€15,218.52) dovuti lilu u dawn magħmula kwantu għas-sorte ta' erbat elef, mitejn u erbgħa u sebgħin Euro u tnejn u ħamsin ċentemu (€4,274.52) u imgħax ta' għaxart elef u disa' mija u erbgħa u disgħin Euro (€10,994) u l-ammont li ġie surrogat fih ta' Alex Ciantar ta' ħdax-il elf, tmien mija u disgħa u ħamsin Euro u ħdax il-ċenteżmu (€11,859.11) rappreżentanti s-sorte ta' tlett elef, tlett mija u wieħed u tletin Euro u ħdax il-ċenteżmu (€3,331.11) u l-imgħax fuq l-imsemmija ta' tmient elef, ħames mija u tmienja u għoxrin Euro (€8,528).*

*11. Illi sabiex ma jibqax jiddekorri iktar imgħax fuq l-imgħax l-esponenti kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat qiegħed jippreżenta ċedola ta' depożitu waħda fejn qiegħed jippreżenta l-ammont pretiż mis-soċjetà intimata li huwa jikkontesta sabiex ai termini tad-deċiżjoni ta' din il-Qorti jiġi irtirat ir-rikavat attwalment dovut mis-soċjetà intimata.*

***B. Raġunijiet għat-talba:***

*Illi l-esponenti quddiem din is-sitwazzjoni jrid li jiġi stabbilit kemm huwa l-ammont li huwa għandu jagħti lis-soċjetà intimata u qiegħed iressaq dawn il-proċeduri sabiex wara dan i-żmien tiġi stabbilita l-ammont dovut.*

***Ċ. Talbiet:***

*Tgħid is-soċjetà intimata għaliex din il-Qorti ma għandhiex prevja kwalunkwe provvediment li tħoss neċessarju*

*1. Li tiddikjara okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi kemm huwa l-ammont li huwa dovut lilha ai termini tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Wilhelmina Abela bħala direttriċi u in rappreżentanza ta' Mabrouk Limited (C-2736) vs. Alex Ciantar u Joseph Ciantar, Citazzjoni numru 1307/84 deċiża fid-29 ta' April, 2016.*

*Bl-ispejjeż u bl-intimati mħarrka għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Mabrouk Limited (C-2736)** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") li ġiet ippreżentata fid-19 ta' Diċembru, 2016, u maħlufa minn Anthony Borg, li biha eċċepiet:

*Dwar il-fatti:*

1. *Illi l-ewwel tmien paragrafi attriċi ma humiex kontestati u ċjoè ma huwiex kontestat li l-esponenti soċjetà hija kreditriċi, b'titolu eżekuttiv, tar-rikorrenti. Huwa ir-rikorrent stess li għal raġunijiet tiegħu qed jinterpreta ħażin is-sentenza mogħtija mill-Qorti t'Appell fid-29 t'April, 2016 u jirrifjuta li jaċċetta l-kera.*

2. *Jidher li l-kontestazzjoni tar-rikorrenti debitur tinqasam fi tnejn: (a) qed jallega li ma hemm l-ebda imgħax dovut lill-esponenti; u (b) li l-imgħax ma jistax jiżdied iktar mid-doppju.*

3. *Illi dawn iż-żewġ allegazzjonijiet huma assolutament infondati kif jirriżulta ampjament minn qari tas-sentenza tal-Qorti t'Appell fid-29 t'April, 2016 li ddikjarat is-segwenti:*

   *"Tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha ħlief li tordna li l-kumpens li l-imsemmi konvenut għandu jħallas lis-soċjetà attriċi minħabba misapproprijazzjoni u l-aġir illegali tiegħu għandu jkun ta' €26,000 (flok €37,280 likwidati mill-ewwel Qorti), **li jitħallsu kif stabbiliet l-ewwel Qorti.**" (Enfażi tal-esponenti)*

4. *Illi s-sentenza tal-ewwel Qorti, u ċjoè dik tas-27 ta' Jannar, 2012 kienet dikjarat is-segwenti:*

   *"… Tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli għad-danni kaġunati lis-soċjetà attriċi minħabba il-misapproprjazzjoni u aġir illegali imsemmi fiċ-ċitazzjoni u tillikwida "arbitrio boni viri" dawn id-danni fis-somma ta' … €37,280 **bl-imgħaxijiet kollha legali mid-data tal-presentata ta' din iċ-ċitazzjoni u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut Joseph Ciantar** iħallas lis-soċjetà attriċi l-imsemmija somma ta' Euro seba' u*

*tletin elf, mitejn u tmenin Euro bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' din iċ-ċitazzjoni." (Enfażi tal-esponenti)*

5. *Illi fir-rigward tad-dikjarazzjoni li Joseph Ciantar akkwista l-kreditu ta' Alex Ciantar fil-konfront ta' Mabrouk Limited, l-esponenti jirriserva l-posizzjoni tiegħu wara li jieħu konjizzjoni tal-kuntratt rilevanti;*

6. *Illi fi kwalsiasi każ, jekk wieħed jieħu konsiderazzjoni ta' tpaċċija tal-kreditu ta' Alex Ciantar għandu jirriżulta li l-ammont totali dovut lis-soċjetà Mabrouk Limited sat-12 ta' Diċembru, 2016 huwa ta' €68,520.22 u dana skont il-prospett hawn esebit bħala dokument A*[5]*, liema prospett ma jinkludix imgħaxijiet u spejjeż ulterjuri;*

7. *Illi fir-rigward tal-fatti dikjarati fil-11-il paragrafu tar-rikors, jiġi rilevat li ċ-ċedola saret ħażin u ma tiswiex sabiex jeżimi lir-rikorrenti minn imgħaxijiet ulterjuri u dana għaliex ma ġewx segwiti r-rekwiżiti tal-art. 1174 u 1175 tal-Kap. 16 u dana billi fost affarijiet oħra l-ammont ma kienx ġie offert lill-esponenti qabel ma sar id-depożitu, u għalhekk l-imgħax għadu jiddekorri sallum sad-data li l-esponenti jiġi mħallas effettivament.*

*Għaldaqstant is-soċjetà esponenti qiegħda tressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:*

1. *Illi preliminarjament inkwantu r-rikorrenti qiegħed jitlob interpretazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 t'April, 2016 din ma hijiex il-proċedura korretta;*

2. *Illi fit-tieni lok is-sentenza bejn il-partijiet f'liema s-soċjetà esponenti ġiet dikjarata kreditriċi tar-rikorrenti Joseph Ciantar fl-ammont ta' €26,000 hija limpida li l-imgħax għandu jitħallas mill-21 ta' Settembru 1984;*

3. *Illi fit-tielet lok il-każ odjern ma huwiex milqut bil-projbizzjoni hekk imsejħa ultra duplum għaliex l-ammont huwa dovut lill-esponenti bħala danni minħabba aġir illegali u mhux bħala flus mogħtija b'self;*

4. *Fir-raba' lok ir-rikorrenti għandu jġib prova tal-akkwist tal-kreditu ta' Alex Ciantar sabiex ikun jista' japplika tpaċċija f'dak is-sens;*

[5] *A fol.* 33 sa 35.

5. *Fil-ħames lok bl-ittra uffiċjali numru 3341/16 l-esponenti kapitalizza l-ammont dovut mir-rikorrenti Joseph Ciantar biex b'hekk l-imgħax issa qed jiddekorri fuq l-ammont kollu;*

6. *Fis-sitt lok id-depożitu magħmul mill-attur huwa invalidu u bla ebda effett, u għalhekk l-imgħax għandu jibqa' jiddekorri fuq kull bilanċ li jista' jkun hemm sad-data ta' pagament effettiv;*

7. *Fis-seba' lok u bla preġudizzju għal premess, jekk wieħed jaċċetta li Joseph Ciantar akkwista wkoll il-kreditu ta' Alex Ciantar l-ammont dovut lil Mabrouk Limited huwa skont il-prospett hawn anness bħala dokument "A" liema prospett ma jinkludix spejjeż ulterjuri u li ma humiex deskritti fih u l-imgħax sad-data tal-pagament effettiv;*

8. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjeż inklużi tal-mandat ta' sekwestru numru 1305/2016, tal-ittra uffiċjali datat 12 t'Ottubru 2016 (3341/2016) u ta' kull att sussegwenti u relattiv u bl-inġunzjoni in subizzjoni tas-soċjetà rikorrenti.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Lulju, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

## Il-kwistjonijiet bejn il-partijiet

B'sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta datata 27 ta' Jannar, 2012[6], ġie ddikjarat lil Joseph Ciantar (il-konvenut f'dik il-kawża u l-attur fil-kawża odjerna) responsabbli għad-danni kaġunati lis-soċjetà Mabrouk Limited (is-soċjeta attriċi f'dik il-kawża u s-soċjetà konvenuta fil-kawża odjerna) minħabba l-misapproprjazzjoni u aġir illegali msemmi fiċ-ċitazzjoni u llikwidat *"arbitrio boni viri"* dawk id-danni fis-somma ta' €37,280 "bl-imgħaxijiet kollha legali mid-data tal-preżentata ta' din iċ-ċitazzjoni" jiġifieri mill-21 ta' Settembru, 1984[7], u kkundannat lil Joseph Ciantar iħallas l-imsemmija somma lis-soċjetà Mabrouk Limited. Din il-Qorti kif diversament preseduta laqgħet ukoll kontrotalba ta' Joseph Ciantar u ta' ibnu Alex Ciantar u kkundannat lis-soċjetà Mabrouk Limited tħallas lil Joseph Ciantar is-somma ta' €4,274.52 u lil Alex Ciantar is-somma ta' €3,333.11 bl-imgħaxijiet legali kollha mill-preżentata tal-kontrotalba u ċjoè 15 ta' Ottubru, 1984, rappreżentanti l-kumpens xieraq dovut lil Joseph u Alex Ciantar għal *overtime* u xogħol *extra* li huma ħadmu fis-servizz tas-soċjetà Mabrouk Limited. Permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-nutar Mark Zaffarese datat 25 ta' Ottubru, 2016, Joseph Ciantar kien ġie surrogat fid-drittijiet ta' ibnu Alex Ciantar naxxenti minn dik is-sentenza fir-rigward tas-soċjetà Mabrouk Limited.[8] Permezz ta' sentenza tad-29 ta' April, 2016 il-Qorti tal-Appell ikkonfermat l-imsemmija sentenza tal-Prim'Awla "ħlief li tordna li l-kumpens li l-imsemmi konvenut għandu jħallas lis-soċjetà attriċi minħabba misapproprjazzjoni u l-aġir illegali tiegħu għandu jkun ta' €26,000 (flok €37,280 likwidati mill-ewwel Qorti), li jitħallsu kif stabbiliet l-ewwel Qorti."

---

[6] **Wilhelmina Abela *noe vs.* Alex Ciantar *et.,*** Ċitazzjoni Numru 1307/84, a fol. 13 sa 18 *retro*.
[7] Ara l-prospett ippreżentat mis-soċjetà konvenuta, *a fol.* 33 sa 35.
[8] *A fol.* 64.

L-attur fil-kalkoli li għamel dwar kemm għandha tieħu s-soċjetà konvenuta, isostni li ladarba l-Qorti tal-Appell meta irriduċiet l-*quantum* tad-danni likwidati *"arbitrio boni viri"* għal €26,000, ma semmietx li kellhom jitħallsu wkoll l-imgħaxijiet mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni kif għamlet l-ewwel Qorti. Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha tikkontendi li l-attur għandu jħallas ukoll l-imgħaxijiet stante li fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell ddeċidiet li l-kumpens kif ridott għal €26,000 kellu "jitħall(as) kif stabbiliet l-ewwel Qorti."

L-attur jikkontendi wkoll l-imgħax ma jistax jissupera s-sorte aktar mid-doppju, *(ultra duplum),* filwaqt li s-soċjetà konvenuta tgħid li dan il-prinċipju japplika biss fil-każ ta' somma li tkun ġiet mogħtija bħala self mhux fil-każ ta' likwidazzjoni ta' danni. Is-soċjetà konvenuta tikkontendi li bl-ittra uffiċjali li bagħtet lill-attur fit-12 ta' Ottubru, 2016[9], l-ammont dovut lilha ġie kapitalizzat mill-attur biex issa l-imgħax qed jiddekorri fuq l-ammont kollu.

Permezz ta' ċedola ippreżentata kontestwalment flimkien mar-Rikors Maħluf, l-attur iddepożita l-ammont kollu pretiż mis-soċjetà konvenuta biex eventwalment jiġi żbankat skont kif jiġi deċiż minn din il-Qorti u allura m'għandhomx ikomplu jiddekorru imgħaxijiet ulterjuri. Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta tikkontendi li l-imsemmija ċedola saret ħażin u ma tiswiex sabiex teżimi lill-attur minn imgħaxijiet ulterjuri 'l għaliex ma ġewx segwiti r-rekwiżiti tal-artikoli 1174 u 1175 tal-Kodiċi Ċivili stante li *inter alia* dan l-ammont ma ġiex offrut lis-soċjetà konvenuta qabel ma sar id-depożitu.

[9] *A fol.* 21 u 22.

Is-soċjetà konvenuta qiegħda tikkontendi wkoll illi inkwantu li l-attur qiegħed jitlob interpretazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' April, 2016, il-proċedura odjerna mhijiex dik korretta. Is-soċjetà konvenuta tgħid ukoll illi l-attur għandu jipproduċi prova tal-akkwist tal-kreditu ta' Alex Ciantar biex ikun jista' jinvoka t-tpaċija.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

L-attur **Joseph Ciantar** meta ta x-xhieda tiegħu f'din il-kawża permezz ta' affidavit[10], flok ma llimita ruħu għall-fatti strettament relatati mal-kawżali tat-talbiet attriċi, bħal donnu kien taħt l-impressjoni għalkollox żbaljata illi dawn il-proċeduri jistgħu jagħtu xi forma ta' rimedju ta' appell mill-appell fejn deċiżjonijiet tal-Qrati li għaddew in ġudikat jistgħu jiġu mibdula minħabba dak li qiegħed jilmenta minnu l-attur fix-xhieda tiegħu. L-attur jilmenta dwar il-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku William Cassar Torreggiani għax dan qagħad fuq ċifri mogħtija lilu mill-*accountant* li skont l-attur jiġi ħu wieħed mid-diretturi tas-soċjetà konvenuta. L-attur jilmenta wkoll minn dewmien esaġerat fil-proċeduri. Joseph Ciantar jgħid li fil-kawża ċivili kien hemm ħafna nuqqasijiet li ġew ripetuti anki fl-appell. Jgħid ukoll illi fil-proċeduri ċivili kien hemm żbalji ta' kalkoli matematiċi u ta' konstatazzjonijiet dwar riżultanzi mill-provi. L-attur jagħmel riferiment ukoll għad-deċiżjonijiet li ngħataw kontrih mill-Qorti Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali, u għall-fatt li huwa kien għamel stqarrija lill-Pulizija taħt theddid. L-attur jgħid illi minflok ġustizzja huwa qiegħed isofri minn inġustizzja doppja għax minkejja li ma nġabu ebda

[10] *A fol.* 38 sa 42.

provi, il-Qorti xorta kienet tat ċifra li toqrob ħafna lejn is-somma mitluba mis-soċjetà Mabrouk Limited. L-attur jgħid ukoll li qed tiżdied l-inġustizzja miegħu meta qiegħed jiġi mitlub iħallas imgħax mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni fl-1984 meta hemm żball matematiku kif il-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Appell waslu għall-ċifra finali u barra minn hekk l-imgħax li qiegħed jintalab ma jistax jaqbeż il-kapital ladarba hemm provvediment fil-liġi biex meta kawżi jtawwlu b'mod eċċessiv, l-imgħax m'għandux jaqbeż il-kapital.

Però hawnhekk il-Qorti mhijiex qiegħda tisma' kawża ta' ritrattazzjoni jew xi ilment kostituzzjonali u x-xhieda tal-attur hija għalkollox irrilevanti għall-finijiet tat-talba li huwa stess ressaq quddiem din il-Qorti li qiegħda tiġi mitluba tiddikjara kemm huwa l-ammont li huwa dovut minn Joseph Ciantar lis-soċjetà Mabrouk Limited ai termini tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell deċiża fid-29 ta' April, 2016.

Tqis ix-xhieda tal-attur bħala tentattiv min-naħa tiegħu biex jirriduċi affidavit suppost dwar il-fatti rilevanti għall-kawża odjerna, f'interpretazzjoni ta' x'kienet tgħid skont hu d-deċiżjoni inkwistjoni tal-Qorti tal-Appell u dwar x'jista' fl-opinjoni tiegħu jingħata bħala imgħax skont il-liġi. Tqis illi din ix-xhieda tal-attur mhijiex ammissibbli għax ix-xhud ma xehedx dwar fatti rilevanti għall-kawża, ta opinjoni flok xehed dwar fatti u saħansitra ttenta wkoll jittratta, xi ħaġa li l-attur assolutament ma setax jagħmel u kellu jħalli dan f'idejn l-abbli avukati tiegħu fit-trattazzjoni finali.

L-attur ippreżenta wkoll l-affidavit ta' martu **Theresa Ciantar**, li fil-fehma tal-Qorti wkoll mhux affidavit dwar fatti rilevanti għall-kawża kif magħrufin direttament mix-xhud, iżda tentattiv ieħor biex din ix-xhud prodotta mill-attur

tittenta tikkritika d-deċiżjonijiet tal-Qrati li għamel riferiment għalihom żewġha l-attur fix-xhieda tiegħu, billi tgħid kif messhom iddeċidew il-Qrati bil-provi li kellhom quddiemhom. L-avukati difensuri tal-attur minn sens ta' lealtà lejn din il-Qorti, ċertament kienu fid-dmir li jiggwidaw lill-attur dwar x'ifisser proprjament affidavit u bħala xhud x'seta' jew ma setax jinkludi f'tali affidavit.

L-attur ippreżenta kopja tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Mark Zaffarese[11] fejn l-attur ġie surrogat fid-drittijiet ta' ibnu Alex Ciantar tiegħu naxxenti mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell suriferita. Dan il-kuntratt sar fil-25 ta' Ottubru, 2016 fl-atti tan-nutar, ċjoè qabel ma l-attur ippreżenta r-Rikors Maħluf tiegħu.

Min-naħa tas-soċjetà konvenuta xehed **Anthony Borg**[12], *shareholder,* direttur u segretarju tas-soċjetà konvenuta li kkonferma prospett li ġie esebit flimkien mar-Risposta Maħlufa.[13] Dan il-prospett jindika s-sorte li s-soċjetà konvenuta ssostni li hu dovut lilha skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' April, 2016; l-imgħax mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni, ċjoè mill-21 ta' Settembru, 1984; l-ispejjeż ġudizzjarji tal-kawża numru 1307/84 skont it-taxxa u ċjoè l-ispejjeż tal-periti + VAT[14], li kienu a karigu ta' Joseph Ciantar; u spejjeż tal-mandat 153/12 u tar-rikors 1030/12. Dan il-prospett jagħmel riferiment ukoll għas-sorte dovut lill-attur u lil ibnu, bl-imgħax dovut lilhom mill-preżentata tal-Kontrotalba tagħhom fl-1984 u spejjeż dovuti lill-attur għar-rigward taż-żewġ sentenzi Ċitazz. Numru 610/1986 u 609/1986. Skont dan il-prospett, wara t-tpaċija, jibqa' bilanċ dovut lis-soċjetà Mabrouk Limited, bl-

[11] *A fol.* 64.
[12] *A fol.* 51 sa 53.
[13] *A fol.* 33 sa 35.
[14] L-ispejjeż l-oħrajn baqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, kemm fil-Prim Istanza u kemm fl-Appell.

imgħax sad-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali meta l-ammont ġie kapitalizzat, ċjoè sal-15 ta' Ottubru, 2016, is-somma ta' €66,729.19.

Din il-Qorti tqis li jkun utili jekk jiġi hawn riprodott l-imsemmi prospett:

"

1) Ammont dovut lil Mabrouk Limited minn Joseph Ciantar **sad-data tas-sentenza**

| **Deskrizzjoni** | Euro € |
|---|---|
| **Sorte** dovut skont is-sentenza | 26,000.00 |
| **Imgħax** mill-**21/09/1984 sad-29/04/2016**<br>(i.e. miċ-ċitazzjoni sad-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali b'liema l-ammont ġie kapitallizzat | 65,779.29 |
| | |
| Spejjeż ġudizzjarji skont it-taxxi: | |
| Spejjeż tal-kawża numru 1307/84 (spejjeż tal-periti : 1733.47 + VAT 312.02) | 2,045.49 |
| Spejjeż tal-Mandat 153/12 | 196.08 |
| Spejjeż rik 1030/12 | 173.63 |
| ***Subtotal*** | 94,194.49 |

2) Ammont dovut minn Mabrouk Limited lil Joseph Ciantar sad-data tas-sentenza

| | |
|---|---|
| Sorte dovut skont is-sentenza | 4,274.52 |
| Imgħax mill-15/10/1984 sad-29/04/2016 | 10,791.93 |
| Spejjeż dovuti skont is-sentenzi 610/1986 (inkl. VAT) | 519.99 |
| Spejjeż dovuti skont is-sentenzi 609/1986 (inkl. VAT) | 1,087.98 |
| | |
| **Total (dovut lil Joseph Ciantar)** | 16,674.42 |

3) Ammont dovut minn Mabrouk Limited lil Alex Ciantar sad-data tas-sentenza

| | |
|---|---|
| Sorte dovut skont is-sentenza | 3,333.11 |
| Imgħax mill-15/10/1984 sad-29/04/2016 | 8,415.14 |
| | |
| **Total (dovut lil Alex Ciantar)** | 11,748.25 |

**4) Kwindi l-ammont dovut lil Mabrouk Limited fid-data tas-sentenza u jekk wieħed jaċċetta li Joseph Ciantar akkwista l-kreditu t'ibnu Alex Ciantar**

| | |
|---|---|
| Ammont dovut lil Mabrouk Limited | 93,664.86 |
| Neħħi l-ammont dovut lil Joseph Ciantar | -16,674.42 |
| Neħħi l-ammont dovut lil Alex Ciantar | -11,748.25 |
| | |
| **Ergo bilanċ dovut fid-data tas-sentenza** | **65,771.82** |

**5) Inkluż Imgħaxijiet sussegwenti**

| | |
|---|---|
| Imgħax fuq is-sorte mill-30/04/2016 sad-15/10/2016 *(ie miċ-ċitazzjoni sad-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali b'liema l-kreditu ġie kapitallizzat)* | 957.37 |
| **Bilanċ inkluż imgħax sal-15/10/2016** | 66,729.19 |
| Imgħax mis-16/10/2016 sat-12/12/2016 | 833.66 |
| | |
| ***GRAND TOTAL* dovut lil Mabrouk Ltd** | **68,520.22** |

Salvi spejjeż ulterjuri u t'atti relattivi oħra."

Ix-xhud Anthony Borg jgħid illi sad-data meta kien qiegħed jixhed hu, l-attur ma kien ħallas xejn minn din is-somma, la mis-*sorte* u lanqas mill-imgħax. In kontro-eżami[15] Anthony Borg ġie mistoqsi jekk kienx ġie offrut lis-soċjetà konvenuta is-sorte kif ridott mill-Qorti tal-Appell fis-somma ta' €26,000, l-ispejjeż ġudizzjarji u parti mill-imgħax, u dan wieġeb li l-attur kien offra li jħallas ammont, li ma kienx però l-ammont kollu li s-soċjetà Mabrouk Limited qegħda tippretendi, u bil-kundizzjoni li dan ma jitħallasx kollu f'daqqa u li għalhekk ma ġiex aċċettat. Mistoqsi ukoll jekk kienx hemm ħafna tentattivi għal transazzjoni, Anthony Borg wieġeb li ma kienx hemm ħafna tentattivi. Ix-xhud ikkonferma li ġiet iddepożitata il-Qorti mill-attur is-somma ta'

[15] *A fol.* 53 sa 56 u 58 sa 61.

€81,678.00, li minnhom għad irid isir tpaċija ma' dejn dovut lill-attur u lil ibnu Alex Ciantar, però ikkonferma li l-ammont bilanċjali huwa dak indikat fil-prospett.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Is-soċjetà konvenuta teċċepixxi li inkwantu l-attur qiegħed jitlob interpretazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 t'April 2016, il-proċedura odjerna mhijiex dik korretta. Fit-trattazzjoni finali mill-avukati difensuri tal-partijiet, din l-eċċezzjoni tissemma ukoll, però l-avukat difensur tas-soċjetà konvenuta ma jgħidx liema skont hu kellha tkun il-proċedura korretta.

Il-Qorti tqis illi m'għandhiex tieħu konjizzjoni tal-lanjanzi imsemmiji fl-affidavits tal-attur u ta' martu, inkwantu dawn *in parte* jagħmlu riferiment għall-punti ta' dritt ta' natura kostituzzjonali, għall-allegati ilmenti oħrajn li semmai kellhom jiġu ittrattati permezz tal-proċedura tar-ritrattazzjoni u allegati ilmenti oħra bħal korrezzjoni ta' żbalji fil-konteġġi li jagħtu dritt għal rikorsi b'termini brevi lill-istess Qorti li allegatament għamlithom u dan *ai termini* tal-artikolu 825 tal-Kap. 12. Skont l-artikolu 825(2) tal-Kap. 12 il-Qorti tista' tikkorreġi żbalji fil-kliem użat fis-sentenza, jew tbiddel espressjonijiet li ma jkunux ċari, jew li jistgħu jiftiehmu xort'oħra minn dak li kif jidher ċar riedet tfisser il-qorti, kemm-il darba jsir rikors għaldaqshekk fi żmien tletin ġurnata minn dak in-nhar tas-sentenza. Dan hu rimedju li seta' irrikorra għalih faċilment l-attur u kieku ippreżenta rikors quddiem l-Onorabbli Qorti tal-

Appelli, il-vertenza bejn il-partijiet kienet tiġi riżolta. Ir-rimedju ipprovdut b' dan l-artikolu tal-liġi mhux biss huwa wieħed spedittiv, imma huwa l-aktar wieħed idoneu għax fl-aħħar mill-aħħar hija l-Qorti li tkun tat is-sentenza li tista' tgħid bl-aktar mod ċar eżattament x'riedet tfisser fis-sentenza tagħha. Madankollu fin-nuqqas tal-attur li jirrikorri għal dan ir-rimedju fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi, jibqa' l-fatt li għadha teżisti d-diffikultà bejn il-partijiet f'din il-kawża dwar il-mod kif għandhom jiġu ikkalkulati l-imgħaxijiet u minn meta, tant hu hekk is-soċjetà konvenuta jista' jkollha diffikultà f'dan ir-rigward meta tiġi biex teżegwixxi s-sentenza.

Tqis għalhekk li m'hemm ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tikkonsidra il-mertu tat-talba tal-attur fl-ambitu tal-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, liema talba attriċi fir-realtà mhijiex għal sempliċi interpretazzjoni ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, iżda talba biex jiġi stabbilit eżattament l-ammont dovut mill-attur lis-soċjetà konvenuta u ċjoè is-sorte, l-imgħaxijiet u spejjeż wara tpaċija mal-ammonti dovuti mill-istess soċjetà konvenuta lill-attur u b'hekk tiġi tterminata vertenza li ilha pendenti mill-1984.

Illi sabiex jiġi stabbilit l-ammont dovut, s'intendi il-Qorti trid l-ewwel tieħu konjizzjoni ta' x'kien ġie deċiż fis-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta u sussegwentement mill-Qorti tal-Appell. Jirriżulta mill-atti li ma hemmx kontestazzjoni dwar dak deċiż mill-ewwel Qorti, però kwantu għal dak deċiż mill-Qorti tal-Appell, hemm kontestazzjoni, kif diġà ngħad.

Il-Qorti tal-Appell iddeċidiet illi:

> "tilqa' l-appell *in parte* u tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi tikkonfermaha ħlief li tordna li l-kumpens li l-imsemmi konvenut għandu jħallas lis-soċjetà attriċi minħabba misapproprjazzjoni u l-aġir illegali tiegħu għandu jkun ta' €26,000 (flok €37,280) li jitħallsu kif stabbiliet l-Ewwel Qorti bl-ispejjeż in prim istanza jitħallsu kif stabbiliet l-Ewwel Qorti waqt li dawk tat-tieni istanza jibgħu ukoll bla taxxa bejn il-partijiet."

Tqis għalhekk illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti ħlief li l-kumpens li Joseph Ciantar għandu jħallas lis-soċjetà Mabrouk Limited minħabba l-misapproprjazzjoni u l-aġir illegali tiegħu, għandu jiġi ridott minn €37,280 għal €26,000. Huwa biss il-*quantum* tal-kumpens pagabbli minn Joseph Ciantar li ġie mibdul mill-Qorti tal-Appell u in kwantu għall-bqija tas-sentenza tal-ewwel Qorti, inkluż dik il-parti tas-sentenza dwar l-imgħaxijiet u l-spejjeż, li għandhom "jitħallsu kif stabbiliet l-Ewwel Qorti". Fejn il-Qorti tal-Appell tgħid illi l-kumpens ta' €26,000 kellu jitħallas kif stabbiliet l-Ewwel Qorti, ifisser li dan il-kumpens kellu jitħallas bl-istess mod kif kellu jitħallas il-kumpens ta' €37,280 kif likwidat mill-ewwel Qorti, jiġifieri bl-imgħax mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni. Kieku l-Qorti tal-Appell riedet tbiddel ukoll il-kap tal-imgħaxijiet, kienet tbiddlu u mhux ma tagħmel ebda riferiment għalih fis-sentenza.

L-attur iqajjem il-kwistjoni tar-regola dwar l-*ultra duplum,* regola li però tapplika biss fir-rigward ta' flus mogħtija b'self u mhux fir-rigward ta' flus dovuta bħala danni. Fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna[16] insibu spjegata din ir-

[16] P.A., 07.04.2016, **Grazio *sive* Horace Galea *vs.* Agostino *sive* Winston Carbone *et***; P.A., 30.01.2015, **Cyril Worley *et vs.* Emanuel Ellul *et***; P.A., 14.07.2016, **Bank of Valletta p.l.c. *vs.* Galbest Limited *et.;*** P.A., **Baldassare Randon *et vs.* Regina Apap *et***, 26.06.1881, Kollez. Vol. V. pġ. 567; P.A.**, Nutar Giuseppe Raimondo Psaila *nomine vs.* Francesco S. Psaila *et***, 22.03.1878, Kollez. Vol. VIII, pġ. 471; P.A., **Lorenza Vassallo *vs.* Francesco S. Palmier *et***, 31.03.1878, Kollez. Vol. VIII, pġ

regola tal-*ultra duplum* ġejja mid-dritt Ruman, il-liġi L.27. *C. de usuris,* fejn l-imgħax ma għandux jeċċedi l-kapital fil-kuntratt ta' mutwu, u segwita mill-Qrati tagħna għar-rigward ta' flus mogħtija b'self. Iżda kif ġie ben spjegat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. *vs.* Francis Bezzina Wettinger *pro et noe et***[17]:

> "Iżda għalkemm ir-regola dwar l-***ultra duplum*** teżisti din tirreferi għal mutwu. Ir-regola li l-imgħax ma għandux jeċċedi l-kapital hija applikabbli għall-kuntratt ta' mutwu u matul iż-żmien li l-imsemmi kuntratt ikun għadu għaddej. F'**Vassallo *vs.* Baluci** fuq imsemmija ġie deċiż li r-regola tal-***ultra duplum*** mhux applikabbli għal kuntratt ta' ***overdraft***.
>
> Iżda hawn wieħed jinnota li dak li qiegħed jintalab huwa dwar sentenza finali u mhux dwar kuntratt ta' self. Jistgħu l-imgħax fuq is-sorte jaqbżu l-istess sorte? Hawn ma għandniex il-kuntratt ta' self iżda istitut ieħor [ara **Leonard *vs.* Sammut** fuq imsemmija]. Dawn huma d-danni sofferti mill-kreditur. **Ir-regola tal-*ultra duplum* ma hix applikabbli fil-każ ta' kanonizazzjoni ta' flus b'sentenza. Wara s-sentenza msemmija l-ammont sar somma kanonizzat b'sentenza u ċertament wieħed ma jistax iwaqqaf l-imgħax għax altrimenti jkun jikkonveni lid-debitur li ma jħallasx u ma jiġrilu xejn.**[18] Il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-20 ta' Lulju, 1994 fl-ismijiet **Francis Penza *vs.* John Mallia** fejn l-imsemmija Onorabbli Qorti tal-Appell – Sede Kummerċjali rriteniet is-segwenti:
>
> "Il-liġi tagħna difatti ma tistax tkun iktar ċara u espliċita minn dak li tistupula fl-Art. 1139 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) u ċjoè:

---

586; Q.A.**, Giovanni di Lorenzo Pace Balzan *vs.* Giuseppe Muscat**, 27.04.1883, Kollez. Vol. X, pġ. 128; Q.A., **Francesco Spiteri *vs.* Hon. Adolfo Sciotino *noe,*** 18.10.1886, Kollez. Vol. XI, pġ. 178; Q.A., **Vincenzo Bugeja C.M.G. *vs.* Giuseppe Mirabita *et***, 29.04.1887, Kollez. Vol. XI, pġ. 310; Kum., **William Leonard *noe et vs.* Dr Francesco Sammut *noe***, 01.10.1887, Kollez. Vol. XI, pġ. 398; Kum., **Catarina Darmanin *vs.* Dr Filippo Preziosi**, 31.03.1890; Q.A., **Konkors tal-Krudituri tal-Konti Fontani-Manduca**, 26.03.1897; P.A., **Zarb *vs.* Dimech**, 02.02.1903, Kollez. Vol. XVIII-II-226; P.A., **Vella *vs.* Formosa**, 09.12.1920, Kollez. Vol. XXIV-II-361; Q.A., **Azzopardi *vs.* Chetcuti**, 15.10.1926**;** P.A., **Decelis *vs.* Briccio**, 27.01.1926, Kollez. Vol. XXVI-II-231; P.A., **Massa *vs.* Sciberras**, 09.11.1927, Kollez. Vol. XXVI-II-503; Kum., **Apap *vs.* Bartolo**, 23.01.1939, Kollez. Vol. XXX-III-414; P.A., **Vassallo *vs.* Ballucci**, 30.04.1947, Kollez. Vol. XXXIII-II-64, Kum.; **Bonello *vs.* Lanzon**, 14.01.1964, Kollez. Vol. XLVIII-III-1363; Kum**., Galea *vs.* Mifsud Bonnici**, 16.10.1974; u Kum., **Camilleri *vs.* Xuereb**, 11.03.1980.

[17] 26.03.2010.

[18] Enfasi ta' din il-Qorti.

> 'jekk l-obbligazzjoni li jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija.'"
>
> Ikun hemm użura għalhekk jekk, għall-grazzja tal-argument il-kreditur jitlob penali oltre l-interessi jew inkella jekk jitlob imgħaxijiet li jissuperw it-tmienja fil-mija fis-sena (ara Art. 1852 tal-istess Kap) imma, altrimenti, ir-regola li tiprojbixxi l-*ultra duplum* ma tirreferix, ma tapplikax, u għalhekk wkoll ma tistax tiġi estiża għal obbligazzjonijiet bħal din il-kawża meta l-liġi stess tipprovdi xort'oħra.
>
> In-natura ta' 'danni' inerenti f'dan ix-xorta ta' interessi tant hija netta u mmarkata li fl-Art. 1140 tal-Kap 16 insibu wkoll li tali interessi għandhom jitħallsu mingħajr ma jkun meħtieġ li l-kreditur jipprova li bata xi telf. Illi li kieku l-Qorti kellha taċċetta l-argument tal-appellant il-konsegwenza tkun li meta proċediment ta' kawża jidher tul aktar milli previst biex jiġi determinat allura awtomatikament ikun jfisser li f'każ li l-eżitu jkun sfavorevoli għad-debitur, id-dewmien jkun qiegħed jivvantaġġja u jippremja lilu għaliex l-interessi dovuti in linja ta' danni ma jkunu qatt jistgħu jissuperaw il-kapital u dana meta l-liġi in kwistjoni ma tgħid xejn minn dak u *quid lex voluit, dixit*."

Dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom ċertament japplikaw għall-każ odjern u din il-Qorti qegħda tagħmilhom tagħha.

L-attur jippretendi ukoll li l-ammont li ġie iddepożitat fir-Reġistru tal-Qorti b'ċedola ta' depożitu kontestwalment mal-preżentata tar-Rikors Maħluf odjern, m'għandux jiddekorri fuqu aktar imgħax. L-avukat tal-attur fit-trattazzjoni finali jgħid li ġie ippruvat li effettivament l-ammont qabel id-depożitu ġie offrut lis-soċjetà konvenuta u ma ġiex aċċettat. Madankollu il-Qorti tqis li l-attur assolutament ma ressaq ebda prova in sostenn ta' dan. Sintendi il-Qorti trid tiddeċiedi skont il-liġi u abbażi tal-provi li jiġu ippreżentati quddiemha. Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-

Qrati tagħna, li minn jallega jrid jipprova dak li ġie allegat minnu, ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12, l-attur naqas li jressaq tali prova. L-avukat difensur tal-attur fil-kontro-eżami tiegħu ta' Anthony Borg, ittenta jġib din il-prova permezz ta' dan x-xhud li għalkemm jgħid li ġie offrut pagament mill-attur lis-soċjetà konvenuta, iżda dan l-pagament offrut mill-attur ma kienx ikopri l-imgħax kollu pretiż mis-soċjetà konvenuta, u kien kundizzjonat stante li ma kellux jitħallas kollu f'daqqa. L-artikoli 1174 u 1175 tal-Kodiċi Ċivili jispeċifikaw:

> "1173. (1) Jekk il-kreditur ma jkunx irid jieħu l-ħlas, id-debitur, jew dak li għandu jedd iħallas, jista', bi spejjeż tal-kreditur, jiddepożita s-somma jew il-ħaġa li għandha tingħata bil-mod li jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
>
> (2) Id-depożitu magħmul skont il-liġi jiswa daqs il-ħlas u l-ħaġa ddepożitata tibqa' għar-riskju tal-kreditur.
>
> 1174. (1) Id-depożitu m'għandux l-effetti msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan jekk il-kreditur ma jkunx qabel irrifjuta offerta valida.
>
> (2) L-offerta tista' tkun ukoll bil-fomm.
>
> (3) Il-ħlas hekk offert jitqies li ġie rrifjutat jekk ma jiġix aċċettat fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar tal-offerta.
>
> (4) Iż-żmien hu ta' tmint ijiem, jekk waħda mill-partijiet tkun toqgħod Malta, u l-oħra Għawdex jew Kemmuna."

Ma ġie bl-ebda mod ippruvat mill-attur li saret tali offerta valida u inkundizzjonata ta' ħlas u għaldaqstant minkejja li l-attur iddepożita l-ammont pretiż mis-soċjetà konvenuta permezz ta' ċedola fir-Reġistru tal-Qorti, meta saret iċ-ċedola, li appropożitu m'hemmx esebita kopja tagħha in atti, ma ġewx

segwiti r-rekwiżiti tal-artikoli 1174 u 1175 tal-Kap. 16 u għalhekk dan id-depożitu m'għandux l-effett li jwaqqaf milli jkompli jiddekorri imgħax ulterjuri.

Illi mill-atti jirriżulta li qabel ma ġiet ippreżentata il-kawża odjerna fl-10 ta' Novembru, 2016, l-attur ġie ssurrogat fid-drittijiet ta' ibnu Alex Ciantar naxxenti mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' April, 2016. Fit-trattazzjoni finali, l-avukat difensur tas-soċjetà konvenuta spjega li kien inkluda l-ammont dovut lil Alex Ciantar skont l-imsemmija sentenza, fil-prospett ippreżentat flimkien mar-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta[19] għax kien ġie infurmat b'dan verbalment mill-avukat tal-kontroparti sa dak l-istadju u dakinhar stess li saret it-trattazzjoni finali, l-attur ippreżenta kopja tal-kuntratt relattiv fl-atti tan-nutar Mark Zaffarese datat 25 ta' Ottubru, 2016.[20]

Tqis illi l-konteġġi kif saru mis-soċjetà konvenuta abbażi tal-prospett ippreżentat minnha li ġie riprodott *supra*, huma dawk korretti. Id-diskrepanzi li għamel riferiment għalihom l-avukat tal-attur waqt it-trattazzjoni finali bejn l-ammont totali indikat fil-prospett u l-ammonti indikati fl-ittra uffiċjali u fil-mandat ta' sekwestru li ġew ippreżentati mis-soċjetà konvenuta, hemm spjegazzjoni loġika tagħhom stante l-imgħax ulterjuri li kompla jiddekorri u li imbagħad żdied fil-prospett, kif ukoll għax fil-prospett hemm inkluż ukoll is-somma dovuta lil iben l-attur li iddaħħlet fil-konteġġi għall-finijiet ta' tpaċija *in parte* ma' dak li kien dovut mill-attur lis-soċjetà konvenuta.

[19] *Ibid.*
[20] *Ibid.*

Għaldaqstant is-somma dovuta mill-attur lis-soċjetà konvenuta, wara tpaċija *in parte* skont il-liġi mal-ammonti dovuti lill-attur u lil ibnu Alex Ciantar, hija ta' **€66,729.19.** Oltre din is-somma, hu dovut ukoll l-imgħax legali mis-16 ta' Ottubru, 2016 sad-data tal-ħlas effettiv.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta;**

2. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħrajn kollha tas-soċjetà konvenuta;**

3. **Tiddikjara li s-somma dovuta mill-attur Joseph Ciantar lis-soċjetà konvenuta Mabrouk Limited skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' April, 2016 (Ċitazzjoni Nru 1307/84GC), wara t-tpaċija mal-ammonti dovuti mis-soċjetà konvenuta lill-attur u lil ibnu Alex Ciantar skont l-istess sentenza, u wara li l-attur akkwista l-kreditu ta' Alex Ciantar bil-kuntratt datat 25 ta' Ottubru, 2016 fl-atti tan-nutar Mark Zaffarese, hija ta' sitta u sittin elf, seba' mija u disgħa u għoxrin Euro u dsatax-il ċenteżmu (€66,729.19). Bl-imgħax legali fuq is-somma ta' €66,729.19 mis-16 ta' Ottubru, 2016 sad-data tal-ħlas effettiv. L-ispejjeż tal-kawża in prim istanza kellhom jitħallsu kif stabbiliet l-**

**Ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjeż tat-tieni stanza kellhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**L-ispejjeż tal-kawża odjerna għandhom ukoll fiċ-ċirkostanzi tal-każ jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.